MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 404/1997/2

**Elmo Insurance Services Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Brian Grima, u b' nota tat-12 ta' Mejju 2004 is-socjeta` Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc gja Sun Alliance & London Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Brian Grima assumiet l-atti tal-kawza minflok Elmo Insurance Services Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc**

**vs**

**Carmel *sive* Charles Mangion**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta’ Marzu, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ hames mija sitta u disghin lira sitta u disghin centezmu (Lm596.96c) bhala danni mill-konvenut kagunati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Tas-Sliema fit-2 ta’ Novembru 1994 meta ziemel bis-serkin li kien fil-kustodja tal-konvenut sfratta u kkaguna hsara fil-car Nru N-2999, propjeta’ ta’ Brian Grima, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta’ Gunju 1995 u dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Jannar 1996, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-socjeta attrici ma ghandhiex interess guridiku biex tippromuovi l-azzjoni stante illi ma tezisti l-ebda surroga la legali u lanqas konvenzjonali bejn il-partijiet a tenur ta’ l-artikoli 1165 u 1166 tal-Kodici Civili.

3. Illi fil-mertu l-konvenut ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni preliminari kif sollevata mill-konvenut b'referenza ghall-artikolu 2153 tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess artikolu jistipula li azzjonijiet ghal danni "…. Not arising from a criminal offence are barred by the lapse of two years".

Illi kif risultanti mill-istess atti (fol 12, 13 u 14), is-socjeta attrici nomine kienet ippresentat ittra ufficjali, kontra l-konvenut u relattivament ghall-incident in esami, u dan fit-22 ta' Jannar 1996. L-istess ittra kif risultanti a fol 10, fol 12 u fol 14, kienet giet notifikata fil-21 ta' Jannar 1996, cjoe pruvata qabel il-presentata taghha. Dwar l-istess notifika, il-konvenut spjega li l-'pink card' relattiva kienet iffirmata mill-konviventi tieghu cjoe Silvana Mallia waqt li sostna "Jien ma niftakarx jekk gejtx notifikat b'xi ittra ufficjali'. Hawnhekk jkun opportun li jinghad li din il-Qorti ma ghandhiex prova li tista' torbot fuqha sabiex tikkonkludi li l-imsemmija ittra ufficjali giet, effettivament notifikta lill-konvenut u dan anke sal-gheluq ta' xahar mill-ahhar jum tal-perjodu ta' preskrizzjoni (ara l-artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili). Difatti kif di gja inghad, mill-istess atti jidher li l-ittra ufficjali kienet giet notifikata lil Silvana Mallia, msemmija di gja, jum qabel il-presentata taghha.

Ikkunsidrat

Illi, inolte, l-incident in esami gara fit-2 ta' Novembru 1994 waqt li l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-28 ta' Frar 1997 u jekk wiehed jikkonsidra dak li, di gja, inghad fis-sens li ma hemm ebda prova li l-imsemmija ittra ufficjali giet, filfatt, notifikata lill-konvenut sa zmien xahar mill-ahhar jum tal-perjodu ta' preskrizzjoni din l-azzjoni ghandha tigi meqjusa bhala estinta u ghalhekk l-eccezzjoni, in desamina, ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari kif sollevata mill-konvenut u tiddikjara l-azzjoni in esami bhala estinta. In rigward l-ispejjez, fic-cirkostanzi ta' dan

il-kaz, li trattasi ta’ wiehed bazat fuq notifika ta’ ittra ufficjali pjuttost stramba kif hemm fuq spjegat kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.”

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha. Hi tobbjetta bl-aggravju illi l-ewwel Qorti interpretat u applikat il-ligi hazin meta ddikjarat estinta l-azzjoni promossa minnha;

Din il-Qorti ezaminat l-inkartament tal-kawza kif ukoll is-sentenza appellata u ssib illi l-aggravju avvanzat huwa ghal kollox fondat;

Jirrizulta illi ghat-talba ghar-rizarciment tad-danni mressqa mis-socjeta` assiguratrici attrici l-konvenut appellat issolleva b’ eccezzjoni l-preskrizzjoni bjennali ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Issa dan l-istess Kodici jipprovdi l-mezzi kif il-preskrizzjoni eccepita tista’ tigi kombattuta. *Inter alia*, in forza ta’ l-Artikolu 2128, Kodici Civili din “tinkiser ukoll b’ kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.”;

Minn din id-disposizzjoni jitnisslu dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. L-interruzzjoni hi assimilata ghall-eccezzjoni f’ sens strett u allura sta ghal parti nteressata li tqajjimha li taghti prova taghha billi din, bhall-eccezzjoni nifisha tal-preskrizzjoni , ma tistax tigi sollevata mill-gudikant;

2. Din l-interruzzjoni trid tigi proposta mill-istess parti nteressata b’ mod car u dirett, manifestanti, b’ mod inekwivokabbli, l-intenzjoni li wiehed jikkuntrasta l-preskrizzjoni. Proposizzjoni din li tista’ ssir b’ ittra

ufficcjali, ghaliex kif jinghad fl-Artikolu 889 (2) tal-Kodici ta' Procedura "meta l-ligi trid li din is-sejha jew dikjarazzjoni [li wiehed izomm shah il-jeddijiet tieghu - subinciz (1)] issir b' att gudizzjarju minghajr ma tghid f' liema forma, din is-sejha jew dikjarazzjoni tista' ssir b' ittra ufficcjali";

Fil-kaz hawn konsiderat is-socjeta` attrici appellanti esebiet kopja ta' l-ittra ufficcjali datata 22 ta' Jannar 1996 (fol. 13) mibghuta lill-konvenut. Ezami, anke superficjali taghha, juri li din tikkontjeni dicitura li tirrikollega l-interpellazzjoni b' dak l-att mal-fatt ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Novembru 1994, liema incident ikkaguna dannu fil-vettura ta' Brian Grima. *Ictu oculi*, allura, l-ittra ufficcjali *qua* "att gudizzjarju" tikkontjeni fiha, taht dan l-aspett, l-elementi kollha ta' importanza ghall-iskop tal-vot tal-ligi fil-precitati Artikoli 2128, Kodici Civili u 889 (2), Kodici tal-Procedura;

Haga naturali l-kontenut ta' l-ittra ufficcjali wahdu ma jibbastax u ma jservi ghal xejn jekk l-att ma jigix notifikat lill-kontroparti ghaliex dan hu proprju li jservi ghall-iskop tal-fatt kostituttiv ta' l-interruzzjoni;

Evidentement, mill-qari tas-sentenza appellata jidher ovvju li l-ewwel Qorti strahet izzejjed fuq ir-riferta ta' l-ufficcjal tal-Qorti Carmel Farrugia fuq l-istess ittra ufficcjali, (fol. 14). Riferta li apparentement jidher li segwiet l-indikazzjoni moghtija mill-pustier fuq il-*pink card* (fol. 12). F' dawn id-dokumenti d-data mnizzla bhala korrispondenti ghad-data tan-notifika hi dik tal-21 ta' Jannar 1996 u allura l-Qorti rragunat li hi ma setghetx tikkonkludi li dik l-ittra ufficcjali giet hekk notifikata lill-konvenut fit-termini ta' l-Artikolu 2130 (1) tal-Kodici Civili;

Issa huwa minnu li s-socjeta` attrici kienet ippromettiet li kellha tipproduci lill-Marixxal fuq imsemmi (ara verbal datat 30 ta' Ottubru 1997, fol. 10) u dan naqset li taghmel. Dan pero` ma jfisserx u ma jgibx ghalhekk minn inferenzi ohra - parametru ghall-gudizzju ghaqli li wiehed

jirrikostruwixxi c-certezza minn dak li apparentement jidher incert - illi dik l-istess ittra ufficcjali b' dik id-data u b' dik l-interpellazzjoni ma gietx hekk notifikata lil min kienet indirizzata u li allura hi d-data tal-pustier jew tal-marixxal li giet erronjament indikata;

Hi fil-fatt il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi d-difett fl-indikazzjoni tad-data tan-notifika ma tfisserx li l-ittra ufficcjali ma ntbaghtetx jew ma gietx ricevuta. Primarjament dan ir-ragonament hu riferit mill-fatt illi l-konvenut innifsu *ex confessis* jistqarr u jaccetta li l-firmatarja fuq il-*pink card* kienet il-konviventi tieghu (fol. 18). Kif hekk jaccetta wkoll illi hu kien, u hekk ghadu, joqghod fl-indirizz muri f' dik l-istess ittra ufficcjali;

Ma jkunx xieraq u lanqas jikkostitwixxi sens ta' gustizzja jekk ghall-evidenti *lapsus calami* tat-terz inkarigat min-notifika ta' att gudizzjarju jbati l-kreditur jew kull pretendent tad-dritt. Kull prova hi ammissibbli jekk twassal ghal konvinciment u din il-Qorti hi sodisfatta illi, apparti l-izball evidenti ta' l-indikazzjoni tad-data, il-fatt tan-notifika ta' l-att *de qua* jirrizulta *aliunde* minn provi ohra. Il-Qorti qeghda ghalhekk tqis li t-terminu preskrittiv eccepit gie interrott bl-att gudizzjarju imsemmi;

Logikament din il-Qorti thoss li filwaqt li ghandha tilqa' l-appell ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez billi kieku s-socjeta` attrici ndenjat ruhha *a tempo debito* li tipproduci lill-ufficcjal tal-Qorti l-materja kienet certament tigi ccarata u ma tiehux l-izvolta li hadet.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost mis-socjeta` attrici assiguratrici u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi invece tiddikjara li t-terminu preskrittiv jinsab interrott bl-ittra ufficcjali tat-22 ta' Jannar 1996 (fol. 13) debitament notifikata lill-konvenut appellat skond il-ligi. Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez ta' dan l-appell, ghar-raguni moghtija, ghandhom jitbatew mill-istess socjeta` appellanti. Finalment qed tirrimetti lura l-process lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati u tal-meritu tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------